

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

15.12.2008

0108/2008

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

impressqa skont l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Vittorio Agnoletto, Josep Borrell Fontelles, Monica Frassoni, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou u Graham Watson

dwar il-Jum Ewropew b'tifkira tal-vittmi tal-mafji u dwar l-utilizz mill-ġdid għal użu soċjali tal-beni u tal-kapitali kkonfiskati mill-organizzazzjonijiet kriminali internazzjonali

Data ta' skadenza: 2.4.2009

0108/2008

dwar il-Jum Ewropew b'tifkira tal-vittmi tal-mafji u dwar l-utilizz mill-ġdid għal użu soċjali tal-beni u tal-kapitali kkonfiskati mill-organizzazzjonijiet kriminali internazzjonali

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. wara li kkunsidra li l-mafji u l-kriminalità organizzata in ġenerali saru fenomenu transnazzjonali u jirrappreżentaw urġenza drammatika fl-Istati Membri kollha,
- B. wara li kkunsidra l-impatt soċjali, kulturali, ekonomiku u politiku tal-organizzazzjonijiet kriminali fuq l-Istati Membri u fuq dawk konfinanti,
- C. wara li kkunsidra li t-taqbida mal-kriminalità organizzata għandha titmexxa wkoll fuq livell soċjali biex tkun realment effikaċi, fil-kwadru ta' kollaborazzjoni bejn is-soċjetà ċivili u l-istituzzjonijiet demokratiċi,
- D. wara li kkunsidra li f'xi Stati Membri fiġġew esperjenzi importanti fil-koordinament bejn is-soċjetà ċivili u l-istituzzjonijiet demokratiċi, li ħolqu prattiki leġiżlattivi innovattivi speċjalment għal dak li għandu x'jaqsam mal-konfiska tal-proprjetà tal-kriminalità organizzata u l-użu soċjali tagħha, u li kulma jmur dawn jaġixxu wkoll fil-pajjiżi konfinanti mal-istess Unjoni,
- 1. jitlob li l-21 ta' Marzu jiġi pproklamat "Jum Ewropew b'tifkira tal-vittmi tal-mafji u għall-impenn biex jiġu missielta";
- 2. b'kollaborazzjoni mas-soċjetà ċivili u mal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, inizjattivi dawn maħsuba biex jissensibilizzaw l-attenzjoni pubblika;
- 3. jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill legiżlaw f'dak li għandu x'jaqsam mal-utilizz mill-ġdid għal użu soċjali tal-beni u tal-kapitali kkonfiskati mill-organizzazzjonijiet kriminali internazzjonali;
- 4. jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jippromwovu inizjattivi u jsostnu l-isforzi tas-soċjetà ċivili u tal-istituzzjonijiet fit-taqbida kontra l-mafji;
- 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-pajjiżi kandidati.